Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 927/2004

**David Sammut**

**Vs**

**Kwik-Fit Silencers Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800) rapprezentanti l-valur ta’ diversi bicciet apparat hi-fi li naqsu mill-vettura ta’ l-attur waqt li din kienet fil-kustodja ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata ma pprezentat l-ebda Risposta.

Ra l-verbal tas-27 ta’ Mejju, 2004 u n-nota pprezentata waqt l-istess seduta fejn is-socjeta’ konvenuta ammettiet it-talbiet attrici u talbet li jkun hemm dilazjoni fil-hlas u li l-

partijiet qablu li tinghata s-sentenza konformament ma’ l-imsemmija nota.

**Ikkunsidra**

Illi b’nota pprezentata fis-27 ta’ Mejju, 2004 iffirmata mill-avukati difensuri tal-partijiet it-talba attrici giet ammessa u l-partijiet qablu li s-socjeta’ konvenuta tinghata l-opportunita’ li thallas l-ammont mitlub permezz ta’ rati mensili ta’ hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) b’dan illi jekk il-konvenut jonqos milli jaghmel zewg pagamenti konsekuttivi jew ammont ekwivalenti l-bilanc rimanenti jigi mill-ewwel dovut.

Illi ghalhekk it-talba attrici tidher gustifikata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800) bl-interessi mit-8 ta’ Mejju, 2004 (data tan-notifika ta’ l-Avviz) u bl-ispejjez b’dan illi l-konvenut qieghed jinghata l-fakulta’ li jhallas lill-attur permezz ta’ rati ta’ hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) fix-xahar, l-ewwel pagament dovut illum, b’dan illi jekk il-konvenut jonqos milli jaghmel zewg pagamenti konsekuttivi jew ammont ekwivalenti, huwa jiddekadi mill-beneficcju tal-mod u terminu lilu koncess u l-bilanc rimanenti jigi dovut mill-ewwel.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------